# Il-Maġġur Anthony Aquilina

Victor Galea

Il-Maġġur Anthony Aquilina twieled bħal-lum fil-25 ta' Lulju 1906. Kieku l-Maġġur għandu mija u wieħed (101). Kien tgħammed fis-26 ta' Lulju 1906 ġewwa l-knisja ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ Malta, l-għada tat-twelid. Missieru kien jismu Indrì u ommu kien jisimha Filippa. It-tliet ismijiet li tawh kienu Anthony / Philip / Joseph. Il-Maġġur ma kienx l-uniku tifel fil-familja għax kellu żewġ ħutu bniet, waħda kien jisimha Filippa u l-oħra Maria.

Il-Maġġur kien beda jitgħallem il-banda meta kellu 8 snin, taħt l-Assistent tal-Banda ta' San Filep, Luigi Said, li kien klarinettist prim mal-Banda San Filep. Meta l-Maġġur Anthony Aquilina wasal biex jagħżel l-istrument, hu kien għażel il-klarinett. Il-Maġġur ta' 14-il sena ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda ta' San Filep.

Il-Maġġur ikkompona diversi marċi. L-ewwel marċ li kien ikkompona fl-1945 bl-isem *Is-Sur Mizzi* mal-Banda Duke of Connaught u l-aħħar marċ li kkompona fl-1985 bl-isem *Marie Louise*.

L-aktar marċ li kien għal qalb il-maġġur kien il-marċ *Balfrendozan*, li kien ikkomponieh fl-1958. Dan il-marċ kien semmieh għal żewġ ħbieb tiegħu mill-Belt, meta dak iż-żmien kien mal-Banda King's Own tal-Belt. Dan il-marċ is-sena d-dieħla se jagħlaq 50 sena li kien ikkomponieh.

U la qegħdin insemmu kemm se jagħlaq il-marċ *Balfrendozan*, din is-sena jagħlqu sninhom ukoll dawn il-marċi li kien ikkompona l-Maġġur:

| | | |
|---|---|---|
| Marċ | Il-Bronżajju | 1947 – 60 Sena |
| Marċ | Wenzinos | 1947 – 60 Sena |
| Marċ | In-Nakku | 1947 – 60 Sena |
| Marċ | Ġanni Sfafar | 1947 – 60 Sena |
| Marċ | Violet & Roses | 1957 – 50 Sena |
| Marċ | Benediet's Silver Jubilee | 1957 – 50 Sena |
| Marċ | Lilliy Pom Pom the Second | 1957 – 50 Sena |
| Marċ | El-Picador | 1967 – 40 Sena |
| Marċ | Mona | 1977 – 30 Sena |

Għadda kemm għadda żmien minn fuq dawn il-marċi, dawn għadhom popolari u jindaqqu regolarment mill-baned Maltin u Għawdxin.

Il-Maġġur kien ħalliena fil-21 ta' Settembru 1985 u ġie midfun fil-qabar tal-King's Own tal-Belt.